MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Numru 90/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Micallef)**

**vs**

**EMMANUELE FARRUGIA**

**Illum 25 ta' Frar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emmanuele Farrugia, 67 yrs, iben Carmelo u Teodora nee` Farrugia, imwieled Rabat fl-18 ta' Jannar 1937 u li joqghod Sunrise, Triq Pierre Muscat, Rabat, detentur ta' karta ta' l-identita bin numru 73437M gie akkuzat:

Talli bejn it-1/7/96 u 9/8/03 fil-fond Sunrise, Triq Pierre Muscat, Rabat, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandha f'idejha l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm 50 u anqas minn Lm 1000 (LM 204.14.0c) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

2. Ghamel hsara jew kisser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-eletriku jew is-sigilli taghhom ghad-dammu tal-korporazzjoni Enemalta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fid-depozizzjoni moghtija fis-Seduta ta' llum minn Ian Vella ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta ddikjara li l-imputat Emmanuele Farrugia hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta u ghalhekk il-Korporazzjoni m'ghandha l-ebda pretensjonijiet ulterjuri fil-konfront tal-imputat rigward din il-kawza.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emmanuele Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-Fedina Penali netta tal-imputat u dak li xehed Ian Vella fis-Seduta ta' llum u li saret referenza ghalih aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emmanuele Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------